MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 248/2013

**L-Imhallef Vincent DeGaetano (ID 607152M) u martu Marie-Therese DeGaetano u Mary Rose Ambrogio**

**(C 21883)**

**vs**

**Stefan Cordina fil-kwalita' tieghu ta' Sindku u Maria Mifsud fil-kwalita' taghha ta' Segretarju Ezekuttiv, it-tnejn ghan-nom u in rappresentanza tal-Kunsill Lokali Attard, u Rite-Mix (Gatt Bros) Ltd**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-26 ta' Awissu 2013 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlu referenza ghall infiltrazzjoni qawwija ta' ilma fil-fond "Corcyra", 41, Triq Hal-warda, Attard, propjeta tar-rikorrenti DeGaetano illi sehhet fix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2010, talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati sabiex tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsuhom danni li ma jeccedux is-somma ta' €11,646 rizultat tal-fatt illi tali infoltrazzjoni sehh minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-intimati jew min minnhom.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited ippresentata fil 5 ta' Settembru 2013 fejn, preliminarjament, eccepew illi huma ma kienux il-legittimu kontradittur stante illi ma kellhom ebda relazzjoni guridka ma' l-atturi filwaqt illi fil-meritu, insistew illi t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Di fatti, huma sahqu illi l-problemi ta' l-ilma fl-inhawi ta' Triq Hal Warda kienet ilha tezisti minn ferm qabel ma nbdew ix-xogholijiet filwaqt illi insistew illi x-xoghlijiet taghhom bl-ebda mod ma effettwawx il-'*watercourse*' jew '*culvert*' ta' l-ilma u huma dejjem hadmu b'diligenza u in osservanza tar-regolamenti u ghalhekk ma setghux jinstabu responsabbli ghad-danni.

Rat ir-risposta ta' Stefan Cordina u Marica Mifsud ippresentata fit 30 ta' settembru 2013 fejn dawna sahqu illi l-Kunsill Lokali ta' Attard ma kellu jsofri ebda danni peress illi kienet is-socjeta Rite-Mix (Gatt Bros) Limited illi kellha obbligu tiehu hsieb illi taghmel ix-xoghol lilha mqabbad skond is-sengha u l-arti. Sahqu wkoll illi l-atturi kellhom jippruvaw skond il-Ligi d-danni hekk sofferti filwaqt illi insistew illi d-danni sofferti huma ferm anqas minn dawk minnhom pretizi.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent l-**Imhallef Vincent Degaetano** moghtija fit 22 ta' Novembru 2013 kif ukoll id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ulterjur tar-rikorrent l-Imhallef Vincent DeGaetano moghtija fl-24 ta' Frar 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Marie-Therese DeGaetano** moghtija fl-24 ta' Frar 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Mary Rose Ambrogio** moghtija fl-24 ta’ Frar 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Victoria DeGaetano**, bint ir-rikorrenti DeGaetano, moghtija fis 7 ta’ April 2014.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Anthony Fenech Vella**, perit tar-rikorrenti, moghtija fis 7 ta’ April 2014.

Rat illi r-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi fis 7 ta’ April 2014.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Tano Zammit**, prodott mis-socjeta intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited, moghtija fit 30 ta’ Mejju 2014.

Rat l-affidavit addizzjonali ippresentat mill-istess Perit Tano Zammit fl-14 ta’ Lulju 2014.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Stephen Buhagiar**, prodott mis-socjeta intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited, moghtija fl-14 ta’ Lulju 2014.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Stephen Farrugia**, il-Perit tal-Kunsill Lokali Attard, moghtija fil 15 ta’ Dicembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Marica Mifsud**, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Attard, moghtija fil 15 ta’ Dicembru 2014 flimkien ma’ dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta’ **Kenneth Gambin**, rappresentant tal-Heritage Malta, moghtija fis 26 ta’ Frar 2015.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta’ Marica Mifsud moghtija fis 26 ta’ Frar 2015.

Rat illi fis 26 ta’ Frar 2015 il-Qorti iddikjarat il-provi kollha intimati bhala maghluqa.

Rat illi fit 26 ta’ Frar 2015 il-kawza giet differita ghall-lum bil-fakolta’ tan-noti tal-partjiet.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentata fit 30 ta’ Marzu 2015.

Rat in-nota ta’ sottomissjonjiet ta’ l-intimati Stefan Cordina u Marica Mifsud ippresentata fl-4 ta’ Mejju 2015.

Rat in-nota ta’ sottomissjonjiet tas-socjeta intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Ltd ippresentata fit 8 ta’ Mejju 2015.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti konjugi DeGaetano huma propretarji tal-fond “Corycra”, 41, Triq Hal Warda, Attard, u ilhom jghixu hemm mis-sena 2003 fejn qatt ma kienu soffrew problema ta’ ingress ta’ ilma voluminuz fil-garage tal-fond taghhom qabel Settembru 2010.

Jirrizulta ukoll illi Mary Rose Ambrogio, oht Marie Therese DeGaetano, tabita gewwa l-fond tar-rikorrenti flimkien maghhom u, hekk kif ir-rikorrenti DeGaetano marru jabitaw barra minn Malta minhabba f’ragunijiet ta’ xoghol, is-sinjura Ambrogio baqghet tghix fil-fond tar-rikorrenti, fejn anke kienet stivat xi affarjiet personali taghha fil-basement meta hija kienet irrilokat mill-fond fejn kienet tirrisjedi precedentement ghall fond tar-rikorrenti DeGaetano.

Jirrizulta illi l-fond tar-rikorrenti jinsab faccata tal-gonna gharufa bhala Gonna ta’ Hal Warda, liema gonna huma gestiti mill-Kunsill Lokali ta’ Attard.

Jirrizulta illi f'April 2010, wara applikazzjoni illi kienet saret mill-istess Kunsill Lokali ta' Attard u Tender mahrug mill-Kunsill Lokali Attard u mirbuh mis-socjeta intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited, nbeda progett ta' tisbieh ta' dana il-gnien, liema xoghol kien principalment wiehed ta' 'landscaping' kif ukoll bini ta' zewgt gwiebi bil-ghan illi jinzamm l-ilma ghall-istess gonna.

Jirrizulta illi f'Lulju 2010, hekk kif kien qed isir ix-xoghol ta' thaffir tal-bjar, instabu fadilijiet ta' oqbra punici u ghalhekk tali xoghlijiet twaqqfu immedjatament mill-MEPA u kien biss f'Awissu 2011 illi x-xoghlijlet tkomplew, wara illi saret ri-evalwazzjoni tal-progett fid-dawl ta' l-iskoperta' ta l-oqbra punika.

Jirrizulta illi, rizultat tat-twaqqif tax-xoghljliet da parte tal-MEPA, is-sit gia imhaffer thalla fl-istat illi kien meta saret l-iskoperta ta' l-oqbra peress illi l-Awtoritajiet oggezzjonaw illi jsir kwalsiasi tip ta' xoghol fuq is-sit.

Jirrizulta illi fit-28 ta' Settembru 2010, ftit gimghat wara illi l-konjugi DeGaetano kienu rrilokaw temporanjament barra minn Malta, sehhet maltempata kbira f'Malta, u fiz-zona fejn tinstab il-fond tar-rikorrenti u il-gonna fuq imsemmija kien hemm gharar kosniderevoli, tant illi wassal sabiex il-garage tal-fond tar-rikorrenti, illi jinstab taht il-livell tat-triq, spicca meghreq f'madwar ghaxar pulzieri ilma.

Jirrizulta illi garr tar-rikorrenti, illi sofra problemi ta' ingress ta' ilma ukoll, Nicholas Grima, stqarr illi huwa kien ilu jghix fil-fond ghal aktar minn hamsa u ghoxrin sena qabel il-maltempata ta' Settembri 2010. Huwa insista illi qatt ma ra daqshekk ilma hiereg mill-gnien ghall gewwa t-triq. Stqarr ukoll illi, meta mar sabiex jara x'kien qed jigri dakinhar stess hekk kif kienet niezla x-xita, seta jinduna illi kien hemm hsara gewwa 'culvert' ta' l-ilma illi kien intiz sabiex jghaddi l-ilmijiet gejjin minn toroq aktar' l fuq mill-gonna ghall go sistema intiza biex tiehu l-ilmijiet tar-triq ta' Triq Hal Warda bir-rizultat illi l-ilma li kien ghaddej minn gewwa tali culvert, flok ma nizel fis-sistema intiza ghall-ilmijiet tax-xita, kien qieghed ifur ghal gewwa il-gonna u dana l-ilma kien l-ewwel qieghed jinzel fil-hofra illi kienet thaffret u li fiha intsabu l-oqbra punici u eventwalment, wara illi tali hofra timtela, l-ilma ikompli jfur fit-triq.

Jirrizulta, skond ix-xhieda kemm ta' Mary Rose Ambrogio kif u tal-Perit taghhom, Anthony Fenech Vella, illi l-ilmijiet illi dahhlu gewwa l-garage tar-rikorrenti, ma dahalx mir-rampa illi

hemm mat-triq, izda dahal minn gewwa l-blat, liema blat kienu fl-istess livell tal-qiegh tat-toqba fuq imsemmija illi kienet tharrfet u thalliet miftuha.

Jirrizulta illi, hekk kif gara hekk, ir-rikorrenti minnufih gharrfu lill-Kunsill Lokali ta' Attard bil-problema ta' ingress ta' ilma, izda l-Kunsill infurmahom illi ma setghux jaghmlu xejn minhabba fil-fatt illi ma setghu imissu xejn.

Jirizulta ukoll illi, nelfrattemp, ir-rikorrenti bdew jaghmlu x-xoghlijiet necessarji sabiex ibattlu il-garage mill-ilma kif ukoll jarmu l-oggetti illi kienu fi stat irreparabbli filwaqt illi jnaddfu il-fond sa fejn possibbli.

Jirrizulta illi fil-25 ta' Ottubru 2010, regghet sehhet maltempata ohra, u, ghal darba ohra, rega dahal ilma fil-garage tar-rikorrenti u, ghal darba ohra, ikkawza hsarat fl-oggetti rimamenti fil-garage.

Jirrizulta illi eventwalment xoghlijliet rimedjali fuq il-culvert saru mill-kuntrattur reponsabbli tas-sit, ossija is-socjeta Rite-Mix (Gatt Bros) Limited, u eventwalment il-problema ta' l-ingress ta' ilma giet rizolta u, ghalkemm ix-xoghljiet fil-gnien inbdew biss f'Awissu 2011 u ghalhekk regghu bdew xoghlijlet ukoll fuq il-hofra illi kienet baqghet mikxufa, sa dakinhar, ghalkemm regghet ghamlet ix-xita, ir-rikorrenti ma soffrew ebda istanza ohra ta' ingress ta' ilma.

Jirrizulta illi wara l-incident, ir-rikorrenti niedu korrispondenza mal-Kunsill Lokali ta' Attard sabiex tinstab soluzzjoni ghad-danni soferti mill-istess rikorrenti rizultat ta' l-ingress ta' l-ilma, liema korrispondenza wasslet sabiex, fit 13 ta' Gunju 2012, il-Kunsill Lokali jaghmel rizoluzzjoni, li tidhar a fol 39 tal-process, fejn jinghad illi l-Kunsill qieghed jassumi r-responsabbilta' tal-hsarat minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi reponsabbilta' f'xi kaz iehor.

Jirrizulta illi, minkejja tali dikjarazzjoni, il-Kunsill Lokali ta' Attard baqa' ma onorax l-obbligi tieghu stante illi l-assikurazzjoni taghhom ma kienetx qieghda taccetta r-resposabbilta' ta' l-akkadut, u ghalhekk, eventwalment saret il-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tosservax, l-ewwel u qabel kollox, illi kull cittadin ghandu dritt illi jippretendi li jgawdi l-propjeta tieghu fil-liberta' u bis-serhan tal-mohh illi hadd ma huwa ser jikkawzalha xi hsarat u kull min jikkawza xi tip ta' danni rizultat ta' xi azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni tieghu, ghandu jerfa u jassumi r-responsabbilta' taghhom.

Il-Qorti tosserva ukoll illi, fil-kaz odjern, huwa car illi dak li wassal ghal hsarat li soffrew ir-rikorrent kien direttament relatat max-xoghlijiet illi kienu qed isiru fil-gnien faccata il-propjeta tar-rikorrenti, u partikolarment il-hofra illi kienet giet skavata mis-socjeta intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited u li kienet thalliet miftuha hekk kif intsabu oqbra Punici fil-gonna.

Il-Qorti, finalment, ma tistax ma tosservax illi l-problema principali illi wasslet ghall-ingress tal-ilma fil-fond tar-rikorrent ma kienx daqstant il-hofra illi kienet thaffret, peress illi tali toqba, wahedha, setghet takkumula ilma gewwa fiha, izda forsi mhux fi kwantitajiet tali illi jwasslu ghall-perkolazzjoni ta' l-ilma minn gewwa l-blat gewwa fond aktar minn wiesgha ta' triq 'l hinn minnha, izda kien aktar il-hsara illi kien hemm fil-culvert ta' ilma illi kien hemm f'tarf il-gnien, liema culvert kien jigbor hafna ilmijiet illi kienu gejjin mit-toroq aktar 'l fuq mill-gnien, liema hsarat wasslu sabiex l-ilma tax-xita, flok ma baqa sejjer fis-sistema intiza ghall-ilma tax-xita, kien qieghed ifur minn tali culvert ghall gewwa il-gnien, u tal ilma kien qieghed jinzel bi volum kbir fil-hofra illi kien hemm fil-gnien u eventwalment ifur ghal gewwa t-triq.

Il-Qorti tosserva illi x-xhieda prodotti mis-socjeta Rite-Mix (Gatt Bros) Limited, bl-ebda mod ma jitqfghu dawl fuq kif attwalment seta qatt dahal l-ilma fil-fond tar-rikorrenti, u ghajr ghall insistenza taghhom illi ma kienx tort taghhom, lanqas biss kienu f'pusizzjoni jikkonfermaw illi kien hemm hsarat fil-culvert ta' l-ilma, fatt ippruvat 'l hinn minn kull dubju kif del resto jirrizulta mir-ritratti esebiti mir-rikorrenti bhala Dok VDG15 sa VDG17.

Il-Qorti hija konvinta illi l-verzjoni tal-fatti dwar kif gara l-akkadut hekk kif deskritta minn Nicholas Grima, garr tar-rikorrenti, hija wahda kredibbli w attendibbli u l-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-ilma dahal fil-fond tar-rikorrenti rizultat tal-fatt illi kien hemm hofra kbira esposta ghall-elementi quddiem il-fond taghhom u kien hemm culvert ta' l-ilma illi kien bi

hsara bir-rizultat illi l-ilmijiet kollha bdew dehlin fil-gnien u il-hofra, flok fis-sistema intiza ghall-ilma tat-triq.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti, illi l-hsarat li r-rikorrenti sofrew rizultat ta’ l-ingress ta’ ilma kien wiehed ingenti u, ghalkemm l-istess rikorrenti ma kienux f’pusizzjoni illi jikkwantifikaw fid-dettall il-valur ta’ l-oggetti mitlufa, kemm email mibghuta mir-rikorrenti fil 11 ta’ Jannar 2012 a fol 42 tal-process kif ukoll dokument esebit mill-istess rikorrenti a fol 56 tal-process, lkoll jindikaw illi l-hsarat minnhom pretizi jammontaw ghall tnax-il elf Euro (€12,000).

Jirrizulta illi, ghal-azzjoni odjerna, ir-rikorrenti illimitaw it-talba taghhom entro il-kompetenza ta’ tali Qrati, u ghalhekk ghas-somma ta’ hdax-il elf, sitt jina u sitta u erbghin euro (€11,646).

Dina il-Qorti ma ghandha ebda raguni tiddubita mill-affidabilita’ ta’ tali valuri kif moghtija mir-rikorrenti, anke in vista tal-fatt illi, kif deskritt mir-rikorrenti stess, hafna mill-oggetti kellhom valur sentimentali illi certament bl-ebda mod, la jista jigi valutat, u wisq anqas ma jista jigi risanat bl-ghoti ta’ kumpens f’danni.

**Ikkunsidrat**

Finalment, il-Qorti thoss illi ghandha taghmel is-segwenti osservazzjoni.

Jirrizulta illi ghalkemm il-Kunsill Lokali intimat, inizjalment, ma hax il-prekawzjonjiet necessarji sabiex il-problema tar-rikorrenti ma tigix solvuta, tant illi r-rikorrenti regghu soffrew gharar ftit anqas minn xahar wara l-ewwel incident, l-istess Kunsill wera x-xewqa illi tali kwistjoni tigi rizolta amikevolment, tant illi ghamel risoluzzjoni f’dana is-sens, liema accettazzjoni, madanakollu, ma kienetx sufficjenti ghall-Assikurazzjoni tal-Kunsill Lokali illi,

sahansitra, gharrfet lill-istess Kunsill li l-posizzjoni mehudha mill-Kunsill ippregudika serjament il-posizzjoni taghhom.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax b'dispjacir kbir illi l-inadempjenza tal-Assikurazzjoni tal-Kunsill Lokali wasslet sabiex kawza illi setghet facilment tigi rizolta aktar minn tlett snin ilu, tkarkret inutilment, b'inkonvenjenza ghar-rikorrenti u spejjez zejda ghall-partijiet, inkluz il-Kunsill Lokali illi gharaf jipprova jilhaq soluzzjoni amikevoli, u dana kien dovut ghal fatt illi l-Assikurazzjoni naqqset milli tapprezza illi l-Kunsill Lokali, bhala l-entita' illi tat struzzjonijiet lill-kuntrattur taghha, ossija s-socjeta intimata 'Rite-Mix (Gatt Bros) Limited, kienet hi ukoll responsabbli lejn hsarat ta' terzi kkawzati mill-kuntrattur, u dana abbazi ta' dak pprovdut fl-Artikolu 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati Stefan Cordina u Marica Mifsud, rispettivament bhala Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Attard kif ukoll

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Ltd u ghalhekk

**Tilqa** t-talbiet attrici u

**Tiddikjara** illi l-intimati Stefan Cordina u Marica Mifsud, rispettivament bhala Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Attard kif ukoll is-socjeta intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Ltd huma t-tnejn responsabbli in solidum ghall-hsarat sofferti mir-rikorrenti rizultat ta' ingress ta' ilma fil-fond tar-rikorrenti f'Settembru u Ottubru tas-sena 2010,

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat ta' l-ingress ta' ilma fuq deskritt fis-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u erbgha u sittin euro (€11,646), u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimati *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u erbgha u sittin euro (€11,646) bhala danni kif fuq likwidati

Bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali dtata 3 ta' Awissu 2012 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta intimata Rite-Mix (Gatt Bros) Limited.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------